3 ta' Novembru, 1952.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Il-Maestà tar-Reġina *versus* Giuseppe Desira

**Libertà Provviżorja — Diskrezzjoni tal-Qorti.**

*Huwa fil-fakoltà tal-Qorti, li taħt l-awtorità tagħha jkun jinsab l-akkużat, li takkordalu jew le l-libertà provviżorja. U l-Qorti għandha tara, f'kull każ partikulari, jekk fiċ-ċirkustanzi jkunx prudenti li tilqa' t-talba għal-libertà provviżorja.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Desira, akkużat ta' omiċidju volontarju skużabbli, biex tiġi lilu akkordata l-libertà provviżorja;

*Omissis;*

Peress li, kif esprima ruħu l-Imħallef Dr. Paolo Debono fl-attijiet tar-rikors ta' Henry Vella, 29. XI. 1898 (Vol. XVI Kollez. Parte IV, p. 58), "spetta alla Corte sotto la cui autorità fosse o dovesse essere detenuto il giudicabile, di esaminare, nei singoli casi, se egli meriti oppur no il beneficio della libertà provvisoria sotto cauzione, e di accordarglielo o negarglielo conforme ai dettami della prudenza". Ma hemmx bżonn jingħad li l-emendi riċenti, li rriduċew il-każijiet li fihom hu projbit l-għoti ta' l-iskarċerazzjoni provviżorja, ma ntakkaw bl-ebda mod dan il-prinċipju;

Peress li f'dan il-każ, meħudin in konsiderazzjoni fil-kumpless tagħhom iċ-ċirkustanzi kollha, il-Qorti ma tħossx li jkun prudenti li tingħata l-libertà provviżorja;

Għaldaqstant tiċħad it-talba kontenuta fir-rikors.